Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0438(COD)

13.2.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794
(COM(2023)0754 – C9-0431/2023 – 2023/0438(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeroen Lenaers

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 46

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 49

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (COM(2023)0754 – C9-0431/2023 – 2023/0438(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0754),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2) u l-Artikolu 88(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0431/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja meħuda mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta’ Lulju 2024[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 u l-Artikolu 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] OJ C, C/2024/6024, 23.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6024/oj.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, ***tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti*** u ***tat-traffikar ta' bnedmin***, ***u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol*** għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ***reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794***	***li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794***, ***fir-rigward tat-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol,*** u ***t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija***, għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ***l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar tal-bnedmin***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiġi sostnut minn qafas ta' kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni	***imħassar***

ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista' jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Għall-fini tat-tishiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni u għall ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jinvolvi rappreżentanti mis-servizzi speċjalizzati mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-

aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Għal dan l-iskop, jenħtieġ li jkunu nominati r-rappreżentanti permanenti mill-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Sabiex tiġi massimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden parteċipanti oħra biex ikunu involuti fit-twettiq ta' attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. Dan jista' jinkludi b'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), kif ukoll korpi jew aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, għal attivitajiet li jidħlu fil-kompetenzi tagħhom. Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jkun jista' jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, f'konformità mal-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol. Il-Europol għandha tiżgura li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jkollu riżorsi adegwati biex iwettaq dmirijietu u li strutturi interni rilevanti oħra tal-Europol jipprovduh bl-appoġġ kollu meħtieġ.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti u l-governanza taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jibqgħu biżżejjed flessibbli, jenħtieġ li l-Bord ta' Amministrazzjoni jingħata l-kapaċità, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, li jadotta regoli ta' implimentazzjoni, inkluż fir-rigward tat-tipi ta' kompiti operazzjonali u strateġiċi li għandhom jitwettqu u dwar l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti u tal-parteċipanti mistiedna.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għall-fini tat-tishiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, għal kompiti operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u	***imħassar***

sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Fid-dawl tal-evalwazzjoni ppjanata f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], u bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-problema usa' tal-kontenut illegali online, jenħtieġ li tiġi evalwata l-ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' tneħħija biex ikopri d-dimensjoni online tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jew tat-traffikar tal-bnedmin, inklużi l-faċilitazzjoni online jew l-istigazzjoni pubblika.
	1a Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29

ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79). http://data.europa.eu/eli/reg/2021/784/oj).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dežinjati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-	(13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. ***L-Istati Membri jistgħu jaħtru servizzi eżistenti għal dan l-għan.*** Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dežinjati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li

uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv.	tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi ċċarat li m'hemmx bżonn li jiġu stabbiliti strutturi addizzjonali jekk dawn diġà jeżistu.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-iskambju, it-tqabbil u l-analiżi effettivi u effettiva tad-data bijometrika se jtejbu d-detezzjoni tal-frodi tal-identità u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-data bijometrika jiġi inkluż b'mod aktar ċar fost il-kompiti tal-Europol fl-appoġġ tiegħu lill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol ***tkun tista'*** tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.	(15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. ***Huwa importanti li jiġi żgurat li t-task force operazzjonali tkun tikkostitwixxi mekkaniżmu operazzjonali flessibbli u effettiv. Għalhekk, ir-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġu adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv. Dawk it-task forces operazzjonali jistgħu jniedu ċerti attivitajiet u investigazzjonijiet speċifiċi ta' intelligence fil-qasam kriminali, jew investigazzjonijiet finanzjarji paralleli, f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, biex jidentifikaw u jissekwestraw assi kriminali.*** Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti

dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u ***Stati Membri parteċipanti oħra.*** Jenħtieġ li l-Europol tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex ***jipprovdi*** sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsiru b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu	(17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru***, jew pajjiż terz,*** fuq talba ta' dak l-Istat Membru ***jew pajjiż terz***, sabiex ***tipprovdi*** sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru ***jew pajjiż terz***. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti ***jibqgħu għodda flessibbli u*** jsiru b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-

wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konklużbejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konklużqabel l-1 ta' Mejju 2017.

---

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konklużbejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konklużqabel l-1 ta' Mejju 2017.

---

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għall-iskjerament operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li	(19) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għall-iskjerament operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ

l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li ***dak l-obbligu*** ma ***japplikax*** għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali.	***għalhekk*** li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol***, filwaqt li jqisu r-riżorsi disponibbli tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***. ***Sabiex tinkiseb kompożizzjoni ġeografikament ibbilanċjata u proporzjonata tal-grupp ta' riżerva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom biżżejjed riżorsi biex ikopru parti ekwa mill-kontribuzzjonijiet għall-grupp ta' riżerva, b'mod proporzjonali mal-kapaċità u l-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom.*** Jenħtieġ li ***dawn l-obbligi*** ma ***japplikawx*** għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali.
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Bħala parti mill-kompiti tagħha, il-Europol hija kapaċi ssostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Dak is-sostenn jinkludi l-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet investigattivi u operazzjonali, analiżi operazzjonali kif ukoll appoġġ analitiku, forensiku jew tekniku ieħor. Jekk ikun meħtieġ għal proċedimenti kriminali nazzjonali u jekk il-liġi tkun tippermetti dan, il-persunal tal-Europol jenħtieġ li jkun jista' jintalab jixhed f'tali proċedimenti, f'konformità mal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mal-obbligu

ta' diskrezzjoni u kunfidenzjalità impost fuq il-persunal tal-Europol mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal") u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (il-"Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra") stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[1a].

[1a] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Il-Europol jenħtieġ li tkun soġġetta għar-regoli ġenerali dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali u mhux kuntrattwali applikabbli għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi tal-Unjoni. Il-Europol jenħtieġ li tkun soġġetta wkoll għal responsabbiltà għal ipproċessar mhux awtorizzat jew skorrett tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tarmonizza r-regoli applikabbli fil-qasam ta' responsabbiltà ma' aġenziji oħra tal-UE, bħall-Eurojust

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 19c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19c) Hekk kif tiġi mfakkra l-Premessa 59 tar-Regolament 2016/794, il-prinċipju ta' rotazzjoni jenħtieġ li jiġi kkodifikat f'termini tad-durata massima fissa tal-kuntratt ta' għaxar snin għall-mandat ġenerali fil-Europol, irrispettivament min-numru ta' kuntratti konklużi għall-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal li jistgħu jittieħdu biss minn persunal mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Din il-kodifikazzjoni se tipprovdi s-sigurtà soċjali lil dan il-persunal billi tippermetti l-kisba ta' dritt minimu għal pensjoni bħala konsegwenza tas-servizz tiegħu fil-Europol u tiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid ta' tali membri tal-persunal fis-servizz fil-livell nazzjonali. L-arranġamenti tranżitorji korrispondenti se jippermettu li jiġu estiżi għal durata massima fissa ta' għaxar snin il-kuntratti tal-persunal fid-disa' sena ta' servizz tagħhom fil-Europol jekk dawn ikunu ġew konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-	***imħassar***

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir b'mod konformi mal-intenzjoni mħabbra tal-Irlanda li tipparteċipa f'dan ir-Regolament

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) [Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat, f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], u ta opinjoni ***nhar […]***[4].	(24) [Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat, f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u ta opinjoni ***fit-23 ta' Jannar 2024***[4].
[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).
[4] ***ĠU C …***	[4] ***L-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data 4/2024, https://www.edps.europa.eu/system/files/2024-01/2023-1247_d0187_opinion_en.pdf***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Kapitolu I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kapitolu I	***imħassar***
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI	
Artikolu 1	
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni	
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:	
(a) jiġu stabbiliti Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu;	
(b) it-titjib tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni;	
(c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol;	
(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;	
(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.	
Artikolu 2	
Definizzjonijiet	

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva [XXX] [li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda kontra din, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5];

(2) "traffikar ta' bnedmin" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];

(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;

(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.

---

5 [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni]

6 Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti	
Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn	
1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.	
2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8.	
3. Kull Stat Membru għandu jikkollega, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (w), tar-Regolament (UE) 2016/794. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-kollegament minnufih.	
4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu	

maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti.

5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Il-provvista ta' informazzjoni rigward reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin lill-Europol u lill-Istati Membri	
1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-	

awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol fil-ħin.

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħrajn u, fl-istess ħin, lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi għaliex wieħed jemmen li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dawk l-Istati Membri l-oħrajn għall-fini tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni jew tal-investigazzjoni ta' tali reati kriminali f'dawk l-Istati Membri.

4. Kull Stat Membru għandu juża s-SIENA sabiex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol, f'konformità mal-Artikolu 8(4) u mal-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/794.

5. Kull Stat Membru għandu jikkollega lill-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu mas-SIENA. Meta ma jkunx possibbli li uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni jiġi kkollegat mas-SIENA minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż terz tal-iskjerament, dak l-uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' mezzi siguri oħrajn. Dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Europol, direttament jew permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol, bl-użu tas-SIENA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir tar-Regolament awtonomu. Xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ripożizzjonati bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt y

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(y) "skjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser l-iskjerament ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex ***jipprovdi*** sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru**.**;	(y) "skjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser l-iskjerament ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru ***jew pajjiż terż***, fuq talba ta' dak l-Istat Membru ***jew pajjiż terz, jew fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv***, sabiex ***tipprovdi*** sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru ***jew pajjiż terz, u bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv***;

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ya (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"(ya) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, anki meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet

tal-uffiċjal ta' kollegament.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u, f'konformità ***mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti]***, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti;	(l) tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u, f'konformità ***mal-Artikolu 16a***, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsegwenza tat-tħassir tar-Regolament awtonomu u ż-żieda tal-Artikolu 16a

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iva (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ya (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ya) tikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' networks

informali, biex tiġi miġġielda d-dimensjoni online tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż il-faċilitazzjoni online jew l-istigazzjoni pubblika;"

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt za

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(za) issostni lill-Istati Membri ***bil-proċessar*** effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika.;	(za) issostni lill-Istati Membri***, anki permezz tal-iżvilupp ta' għodod avvanzati, bl-ipproċessar*** effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika***, inkluża d-data dattiloskopika, l-immaġnijiet tal-wiċċ u l-profili tad-DNA***;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali għandhom jiżguraw koerenza u sinerġiji mal-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tat-task forces operazzjonali. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni tat-task force operazzjonali (il-paragrafu 8).

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jistiednu Stati Membri oħrajn, lil pajjiżi terzi u lil sħab oħrajn imsemmija fl-Artikolu 23 sabiex jipparteċipaw fit-task force operazzjonali jew isostnuha. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' sħab oħrajn fit-task force operazzjonali għandha sseħħ f'konformità ma' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tat-task forces operazzjonali. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni tat-task force operazzjonali (il-paragrafu 8).

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni	5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni

ta’ task force operazzjonali, il-Europol għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju previst minn dan ir-Regolament, f’konformità mal-paragrafu ***2***.	ta’ task force operazzjonali, il-Europol għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju previst minn dan ir-Regolament, f’konformità mal-paragrafu ***1***.
	Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Kull Stat Membru li jistabbilixxi task force operazzjonali, jew li jipparteċipa fiha, jew li jsostniha, għandu, f’konformità mal-ippjanar, mal-koordinazzjoni u mal-implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu ***2:***	6. Kull Stat Membru li jistabbilixxi task force operazzjonali, jew li jipparteċipa fiha, jew li jsostniha, għandu, f’konformità mal-ippjanar, mal-koordinazzjoni u mal-implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu ***1, jikkoopera mal-Europol, u ma’ Stati Membri parteċipanti oħra, sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tat-task force operazzjonali, b’mod partikolari billi jipprovdi u jikkondividi l-informazzjoni rilevanti kollha.***
(a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien lill-Europol u lill-Istati Membri l-oħra li jistabbilixxu t-task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuha, bl-użu tas-SIENA u, meta xieraq, jagħmel l-informazzjoni direttament aċċessibbli f’konformità mal-Artikolu 20(2a);	
(b) jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol;	
(c) iniedi ċerti attivitajiet u investigazzjonijiet dedikati ta’ intelligence kriminali f’konformità mad-dritt nazzjonali meta jkunu meħtieġa sabiex jiġi indirizzat ir-reat li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali;	

(d) iniedi investigazzjonijiet finanzjarji paralleli f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni sabiex jidentifika u jissekwestra assi kriminali;

(e) jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament tiegħu skjerati f'pajjiżi terzi fejn l-attivitajiet kriminali jiġu investigati fil-kuntest tat-task force operazzjonali sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni, u jipprovdi lill-Europol bl-informazzjoni miksuba, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u ma' dak nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tat-task forces operazzjonali. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-implimentazzjoni tat-task force operazzjonali (il-paragrafu 8).

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-twaqqif u għall-implimentazzjoni ta' ***task forces*** operazzjonali.	8. ***Fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv,*** il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-twaqqif ***ta' task forces operazzjonali, għall-parteċipazzjoni fihom*** u għall-implimentazzjoni ***tagħhom. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' sħab oħrajn fit-task forces operazzjonali għandha sseħħ f'konformità ma' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b, paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol.	1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. ***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talbiet kollha u jista' jaċċetta jew jirrifjuta l-iskjerament, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali, il-valutazzjoni tar-riskju, u r-riżorsi disponibbli.***

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu jsir fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli kontra bażijiet tad-data rilevanti sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE)	***imħassar***

2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tal-iskjerament tal-Europol. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-iskjerament tal-Europol (il-paragrafu 9).

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 u jista' japprova l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali għal perjodu ta' żmien limitat li jista' jiġġedded, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u r-riżorsi disponibbli tiegħu. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tal-iskjeramenti tal-Europol. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-iskjeramenti tal-Europol (il-paragrafu 9).

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza li jeħtieġu skjerament immedjat tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru u d-Direttur Eżekuttiv għandhom jiżguraw li l-passi stabbiliti fil-paragrafi 1, 3 u 4 iseħħu f'perjodu ta' 72 siegħa.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir sabiex tiġi evitata regolamentazzjoni eċċessiva u tiġi żgurata flessibbiltà akbar tal-iskjeramenti tal-Europol. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-iskjerament tal-Europol (il-paragrafu 9).

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-ġabra*** ta' riżerva ***għandha tikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala	6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ***obbligatorju*** ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-grupp*** ta' riżerva ***għandu jikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala

esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol.	esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol***, f'konformità mal-prinċipju ta' kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, hekk kif jiżguraw li kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod ġust filwaqt li jżomm ir-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa r-responsabbiltajiet nazzjonali tiegħu. Sa fejn ikun possibbli, il-kompożizzjoni tal-grupp ta' riżerva għandu jkun kemm ġeografikament ibbilanċjat kif ukoll proporzjonat għall-kapaċitajiet ta' kull Stat Membru.***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih.	9. ***Fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv,*** il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) jiddaħħal dan il-ġej:
	“Artikolu 8a
	Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin
	1. Sa... [sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], kull Stat Membru għandu jaħtar servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f’konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u t-traffikar ta’ bnedmin, inkluż permezz ta’ investigazzjonijiet kriminali, u jinforma immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.
	2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu ddeżinjati f’konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u t-traffikar ta’ bnedmin u dik li tirriżulta tali investigazzjonijiet u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma’ Stati Membri permezz tal-Applikazzjoni ta’ Network għall-Iskambju Sikur ta’ Informazzjoni (SIENA).
	3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-uffiċjali ta’ kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu jkunu konnessi mas-SIENA u jikkooperaw, kemm jista’ jkun, u f’konformità mad-dritt nazzjonali, mas-servizzi speċjalizzati ddeżinjati f’konformità mal-paragrafu 1, u mal-Europol fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u t-traffikar ta’ bnedmin.”
	Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Taqsima 2a (ġdida) – Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:
	"Taqsima 2a
	Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti
	Artikolu 16a
	Kompiti u kompożizzjoni taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti
	***1. Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jiġi stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin billi jwettaq il-kompiti operazzjonali u strateġiċi. Dawk il-kompiti għandhom jinkludu l-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet investigattivi u operazzjonali, u s-sostenn għall-attivitajiet transfruntieri tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni, ta' attivitajiet, u ta' investigazzjonijiet, kif ukoll timijiet ta' investigazzjoni konġunti, u task forces operazzjonali. Għandu jinkludi wkoll il-monitoraġġ tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin li jseħħu fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u ta' traffikar ta' bnedmin li jistgħu jirrikjedu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, anki permezz tal-iskambju ta'**

data personali. Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jipprovdi wkoll analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u dwar it-traffikar tal-bnedmin, u rapport annwali li jidentifika l-prijoritajiet operazzjonali ewlenin u l-azzjonijiet relatati possibbli fil-livell tal-Unjoni.

2. Il-Europol għandha tipprovdi liċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti b'riżorsi adegwati biex iwettaq il-kompiti tiegħu.

3. Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jkun magħmul mill-persunal tal-Europol u rappreżentanti tal-entitajiet li ġejjin:

(a) rappreżentant ta' kull Stat Membru maħtur minn servizz speċjalizzat nazzjonali, fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti, responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, kif imsemmi fl-Artikolu 8a;

(b) rappreżentant permanenti tal-Eurojust;

(c) rappreżentant permanenti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;

Il-Europol tista' tistieden parteċipanti oħra biex ikunu involuti fit-twettiq ta' attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.

4. Fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, wara li jkun ikkonsulta mal-entitajiet elenkati fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b), u (c), il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għaċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, inkluż dawk

relatati mat-tipi ta' kompiti operazzjonali u strateġiċi li għandhom jitwettqu, u mal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti u tal-parteċipanti mistiedna elenkati fil-paragrafu 3. Il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 3 li qed jipparteċipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jipproponi li jiġi stabbilit Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan ir-Regolament tal-Europol. Qed jiġi propost li jitħalla ambitu akbar għall-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, biex jiddeċiedi dwar il-kompiti dettaljati taċ-Ċentru u l-involviment ta' entitajiet oħra (paragrafu 4).

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 49 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-Artikolu 49, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"5a. Kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet xi dannu materjali jew mhux materjali b'riżultat ta' ksur ta' dan ir-Regolament għandu jkollha d-dritt li tirċievi kumpens f'konformità mal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 56 tad-Direttiva (UE) 2016/680."

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 50

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4b) L-Artikolu 50 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 50	***"Artikolu 50***
Responsabbiltà għal ***proċessar*** mhux ***korrett ta' data personali u d-dritt għal kumpens***	Responsabbiltà għal ***ipproċessar*** mhux ***awtorizzat jew żbaljat ta' data***
1. ***Kwalunkwe individwu li jkun ġarrab dannu b'riżultat ta' xi operazzjoni ta' proċessar illegali għandu jkollu d-dritt jirċievi kumpens għad-dannu mġarrab***, ***jew mill-Europol f'konformità*** mal-Artikolu 340 tat-TFUE, ***jew mill-Istat Membru li fih seħħ l-avveniment*** li ***wassal għad-dannu f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu. L-individwu għandu jieħu azzjoni kontra l-Europol quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***, ***jew kontra l-Istat Membru quddiem qorti nazzjonali kompetenti ta' dak l-Istat Membru***.	1. ***Il-Eurojust għandha tkun responsabbli***, ***f'konformità*** mal-Artikolu 340 tat-TFUE, ***għal kwalunkwe ħsara kkaġunata lil individwu*** li ***tirriżulta mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat tad-data***, ***mwettaq minnha***.
2. Kwalunkwe tilwima bejn il-Europol u l-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà aħħarija għal kumpens mogħti lil individwu f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi rriferita lill-Bord ta' Amministrazzjoni, li għandu jiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kontestazzjoni ta' dik id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 263 tat-TFUE.	***2. L-ilmenti kontra l-Europol għal motivi ta' responsabbiltà msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinstemgħu mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 268 tat-TFUE.***
	3. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkaġunata lil individwu, li tirriżulta mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat imwettaq minnu ta' data li ġiet komunikata lill-Europol."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tarmonizza r-reġim ta' responsabbiltà u kumpens applikabbli ma' aġenziji oħra (ara l-Artikolu 46 tar-Regolament dwar l-Eurojust)

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 53

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4c) L-Artikolu 53 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 53	"Artikolu 53
Dispożizzjonijiet ġenerali	Dispożizzjonijiet ġenerali
1. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra u r-regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jidħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal u l-lill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra għandhom japplikaw għall-persunal tal-Europol ***bl-eċċezzjoni tal-persunal li, fl-1 ta' Mejju 2017, huma impjegati skont kuntratt konklużmill-Europol kif stabbilit mill-Konvenzjoni Europol mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73(4) ta' dan ir-Regolament. Tali kuntratti għandhom jibqgħu jiġu regolati mill-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998.***	1. Ir-Regolamenti tal-Persunal, il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra u r-regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jidħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal u l-lill-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra għandhom japplikaw għall-persunal tal-Europol.
2. Il-persunal tal-Europol għandu jikkonsisti minn persunal temporanju ***u/***jew persunal b'kuntratt. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiġi infurmat fuq bażi annwali b'kuntratti ta' żmien indeterminat mogħtija mid-Direttur Eżekuttiv. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi liema karigi temporanji previsti fit-tabella tal-persunal jistgħu jimtlew biss minn persunal mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.	2. Il-persunal tal-Europol għandu jikkonsisti minn persunal temporanju jew persunal b'kuntratt. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiġi infurmat fuq bażi annwali b'kuntratti ta' żmien indeterminat mogħtija mid-Direttur Eżekuttiv. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi liema karigi temporanji previsti fit-tabella tal-persunal jistgħu jimtlew biss minn persunal mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Il-membri tal-persunal reklutati biex jokkupaw tali karigi għandhom ikunu uffiċjali temporanji u jistgħu jingħataw biss kuntratti b'terminu fiss, li jistgħu jiġġeddu darba għal ***perijodu fiss***.	Il-membri tal-persunal reklutati biex jokkupaw tali karigi għandhom ikunu uffiċjali temporanji u jistgħu jingħataw biss kuntratti b'terminu fiss, li jistgħu jiġġeddu darba għal ***perjodu massimu totali ta' għaxar snin***.***"***

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 54 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4 d) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 3, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:
3. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ***erba'*** snin. Sal-aħħar ta' dak ***il-perijodu***, il-Kummissjoni, b'assoċjazzjoni mal-Bord ta' Amministrazzjoni, għandha twettaq valutazzjoni li tieħu kont:	***'***3. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ***ħames*** snin. Sal-aħħar ta' dak ***il-perjodu***, il-Kummissjoni, b'assoċjazzjoni mal-Bord ta' Amministrazzjoni, għandha twettaq valutazzjoni li tieħu kont:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tipproponi li l-mandat tal-Ġestjoni Eżekuttiva jiġi armonizzat ma' dak ta' Aġenziji oħra tal-ĠAI bħall-Frontex, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u eu-LISA

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 54 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4e) L-Artikolu 54, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

4. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord ta' Amministrazzjoni li jieħu kont tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba u għal perjodu ta' mhux aktar minn ***erba'*** snin.	'4. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord ta' Amministrazzjoni li jieħu kont tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba u għal perjodu ta' mhux aktar minn ***ħames*** snin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tippproponi li l-mandat tal-Ġestjoni Eżekuttiva jiġi armonizzat ma' dak ta' Aġenziji oħra tal-ĠAI bħall-Frontex, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u eu-LISA

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 63a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4f) jiddaħħal l-Artikolu 63a li ġej:
	"Artikolu 63a
	Xhieda tal-persunal tal-Europol
	Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni biex il-persunal tal-Europol jixhed quddiem qorti ta' Stat Membru bħala xhud. L-awtorizzazzjoni għax-xhieda ma għandhiex tiġi miċħuda b'mod indebitu, u, skont iċ-ċirkostanzi, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għax-xhieda, f'konformità mal-liġi nazzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għall-persunal li qabel kien impjegat mill-Europol."

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4g (ġdid)
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 74c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4g) jiddaħħal l-Artikolu 74c li ġej:
	"Artikolu 74c
	Arranġamenti transizzjonali rigward it-tul tas-servizz tad-Direttur Eżekuttiv, il-Viċi Diretturi u l-persunal
	1. Id-Direttur Eżekuttiv, maħtur abbażi tal-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament, li l-mandat tiegħu jintemm wara... [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], għandu jkollu l-ewwel jew it-tieni mandat tiegħu estiż awtomatikament biex jippermetti l-perjodu massimu ta' għaxar snin ta' servizz. Dik l-estensjoni ma għandhiex tikkostitwixxi tiġdid tal-kuntratt skont l-Artikolu 8 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra.
	2. Meta d-Direttur Eżekuttiv ma jkunx irid jaċċetta l-estensjoni awtomatika prevista fil-paragrafu 1, id-Direttur Eżekuttiv jista' jżomm il-mandat eżistenti tiegħu jew tagħha.
	3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-Viċi Diretturi Eżekuttivi maħtura abbażi tal-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament, li l-mandat tagħhom jintemm wara... [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].
	4. Il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju previst fit-tabella tal-persunal li jkun f'impjieg attiv fi [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandu jiġi estiż awtomatikament għall-perjodu massimu ta' għaxar snin dment li:

(a) il-membru tal-persunal temporanju ġie rreklutat biex jokkupa post li jista' jimtela biss minn persunal mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) il-kuntratt diġà ġie mġedded darba u wasal fi tmiem il-perjodu massimu ta' disa' snin ta' servizz.

Dik l-estensjoni awtomatika ma għandhiex tikkostitwixxi tiġdid tal-kuntratt skont l-Artikolu 8 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra. Membru tal-persunal li ma jaċċettax l-estensjoni awtomatika msemmija fl-ewwel subparagrafu jista' jżomm ir-relazzjoni kuntrattwali eżistenti tiegħu mal-Europol f'konformità mal-Artikolu 53."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex il-persunal tal-aġenzija speċjalizzati u l-Ġestjoni Eżekuttiva diġà fil-post fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-regoli l-ġodda.

NOTA SPJEGATTIVA

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tat-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin

Aktar minn 90 % tal-persuni li jaslu fl-UE b'mod irregolari jiddependu fuq il-faċilitaturi ta' dħul klandestin biex jiffaċilitaw parti mill-vjaġġ kollu tagħhom jew il-vjaġġ kollu tagħhom. Dawn il--faċilitaturi ta' dħul klandestin huma kriminali bla ħniena li għalihom il-ħajja tal-bniedem hija biss opportunità kummerċjali. Mudell ekonomiku ċiniku li jieħu vantaġġ minn persuni vulnerabbli, li spiss ipoġġi ħajjithom fil-periklu fuq vjaġġi perikolużi u jissoġġettahom għal vjolenza u abbuż. Wara li jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri esterni tal-UE, in-networks kriminali jkomplu l-attività tagħhom billi jiffaċilitaw movimenti sekondarji mhux awtorizzati fi ħdan l-UE. In-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jadattaw malajr għall-iżviluppi esterni billi jallokaw ir-riżorsi b'mod flessibbli u jużaw rotot, teknoloġiji u modus operandi ġodda. L-investigazzjonijiet żvelaw li l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti spiss jużaw l-infrastruttura eżistenti użati għal attivitajiet kriminali paralleli bħad-drogi, l-armi tan-nar jew it-traffikar tal-bnedmin flimkien ma' abbuż ta' strumenti legali u strutturi kummerċjali.

Dawn in-networks kriminali jiġġeneraw ammont impressjonanti ta' EUR 4.7 sa EUR 6 biljun fis-sena fi dħul. Għalhekk, l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-atturi ewlenin, bħall-kumpaniji tal-ivvjaġġar u tat-trasport u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom dmir legali u responsabbiltà morali li jagħmlu kull sforz biex jipprevjenu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għandha rwol essenzjali biex tikkoordina dawn l-isforzi, kif ġie enfasizzat mill-President tal-Kummissjoni Ewropea von der Leyen, li affermat li l-pulizija għandha tkun tista' taħdem madwar Ewropa mingħajr fruntieri. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tirdoppja l-persunal tal-Europol u ssaħħaħ il-mandat tagħha sabiex il-Europol issir aġenzija tal-pulizija verament operazzjonali. Bħala parti mill-Pakkett tal-Faċilitaturi rivedut, *il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794*, tirrappreżenta pass importanti fil-kisba ta' dawn l-għanijiet u fl-indirizzar sistematiku tar-reat tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti kemm fi ħdan l-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni Ewropea stmat li huwa meħtieġ baġit addizzjonali ta' madwar EUR 50 miljun u madwar 50 kariga addizzjonali għall-perjodu kollu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti 2021-2027. Dan ir-Regolament se jirrilaxxa dawn il-fondi addizzjonali tant meħtieġa u joħloq dawn il-karigi addizzjonali biex il-Europol twettaq bis-sħiħ u b'mod effiċjenti l-kompiti strateġiċi u operazzjonali l-ġodda assenjati lilha kif ukoll il-mandat rivedut tagħha.

L-aspetti ewlenin ta' dan l-Abbozz ta' Rapport biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva tal-proposta leġiżlattiva jinkludu dawn li ġejjin:

– Ir-rapport għandu l-għan li jissimplifika u jiċċara l-istruttura tal-proposta tal-Kummissjoni, billi jħassar ir-regolament awtonomu u jippożizzjona mill-ġdid xi whud minn dawk id-dispożizzjonijiet bħala emendi għar-Regolament tal-Europol eżistenti. Dan inaqqas il-kumplessità legali, itejjeb il-leġġibbiltà u jiżgura li l-governanza tal-aġenzija tkun ġestita minn Regolament uniku tal-UE.

– Min-natura tiegħu, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti għandha dimensjoni transfruntiera. Għalhekk, iż-żarmar tan-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jirrikjedi kondiviżjoni tad-data aktar effiċjenti u effettiva u kooperazzjoni transfruntiera bejn l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u ma' pajjiżi terzi. Dan l-Abbozz ta' Rapport japprova l-proposti tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jikkondividu d-data f'dan ir-rigward.

– Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-Europol għandha sett ta' għodod komprensiv għad-dispożizzjoni tagħha. Dan l-Abbozz ta' Rapport jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li tikkodifika dawn l-għodod u l-istrutturi għaċ-ċarezza legali u li tipprovdi direzzjoni ġenerali, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà tant meħtieġa biex ikun hemm adattament għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, u b'hekk jitħalla biżżejjed lok għall-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol biex jiddeċiedi dwar id-dettalji tal-funzjonament ta' dawn l-għodod u l-istrutturi. Sabiex jissaħħaħ ir-rwol tad-Direttur Eżekuttiv tal-Europol, huwa propost ukoll li dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-proposta tad-Direttur Eżekuttiv. L-għodod u l-istrutturi jinkludu dawn li ġejjin:

> Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin billi jwettaq il-kompiti operazzjonali u strateġiċi. Iċ-Ċentru għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mis-servizzi speċjalizzati nazzjonali responsabbli mill-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin. Għandu jkun magħmul ukoll minn rappreżentanti permanenti mill-Frontex u l-Eurojust. Qed jiġi propost li l-Aġenziji jitħallew jiddeċiedu huma stess dwar jekk għandhomx jirrilokaw dawn ir-rappreżentanti fl-interess tal-kompiti tagħhom.
>
> Fil-kuntest tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva mandatorju ta' esperti kwalifikati ħafna fil-qasam tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u li jkollhom profili speċjalizzati, li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għall-iskjerament operazzjonali sabiex jipprovdu sostenn speċjalizzat, b'mod proporzjonali għall-kapaċità u għall-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom.
>
> L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu task forces operazzjonali biex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bl-appoġġ tal-Europol. Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv irid ikollu l-prerogattiva li jipproponi task forces operazzjonali lill-Istati Membri.
>
> L-Istati Membri għandhom jiddiżenjaw servizzi speċjalizzati għall-prevenzjoni u

għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin. Dawn is-servizzi għandhom jikkondividu l-informazzjoni rilevanti kollha li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali malajr kemm jista’ jkun mal-Europol u Stati Membri oħra. M’hemmx bżonn li jiġu stabbiliti strutturi addizzjonali jekk dawn diġà jeżistu.

Ir-rapporteur jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi l-ipproċessar ta’ data bijometrika fi ħdan il-kompiti tal-aġenzija u jipproponi li dan jissaħħaħ. Minħabba r-rwol li għandhom fil-faċilitazzjoni u l-istigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u t-traffikar ta’ bnedmin mis-servizzi online, huwa propost ukoll li jiġi ċċarat l-appoġġ tal-Europol għall-ġlieda kontra d-dimensjoni online ta’ dawn l-attivitajiet kriminali.

– Sabiex il-Europol twettaq b’suċċess u b’mod effettiv il-mandat tagħha, l-aspetti proċedurali u interni tal-persunal għandhom jittejbu meta jkun meħtieġ. Dan l-abbozz ta’ rapport jinkludi emendi biex jiġi armonizzat il-mandat tal-Ġestjoni Eżekuttiva u tal-persunal, u r-reġimi ta’ responsabbiltà u kumpens applikabbli ma’ aġenziji oħra bħall-Frontex, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-eu-LISA, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet ta’ kwalunkwe persuna potenzjalment affettwata. Jiċċara wkoll ir-regoli dwar ix-xhieda mill-persunal tal-Europol, peress li l-qafas legali attwali mhuwiex biżżejjed u jista’ jiġġenera interpretazzjonijiet żbaljati rigward l-istatus legali tal-membri tal-persunal tal-Europol fil-qrati nazzjonali jew fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni tax-xhieda tagħhom.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
EDRi
Europol
European Commission - DG HOME
EPRS
Equinox

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.